

Brussell, 13 ta' April 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0231(COD)

14281/1/20
REV 1 ADD 1

COMPET 658	SAN 497
MI 594	DENLEG 92
IND 286	PHYTOSAN 38
CONSUM 227	SEMENCES 23
JUSTCIV 158	STATIS 66
AGRI 491	ECOFIN 1209
AGRIFIN 133	CADREFIN 485
VETER 63	CODEC 1398
AGRILEG 178	PARLNAT 152

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-Ewwel Qari bil-ħsieb li jiġi adottat REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fit-13 ta' April 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-7 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, (UE) Nru 258/2014, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 2017/826¹ ("il-Programm").
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018², filwaqt li l-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fil-Plenarja tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2018³.
3. Il-Kunsill (Kompetittività), fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Novembru 2018, adotta approċċ ġenerali parzjali dwar il-proposta⁴. L-approċċ ġenerali parzjali ma inkludix għadd ta' elementi, b'mod partikolari dispożizzjonijiet b'implikazzjonijiet baġitarji jew ta' natura orizzontali, jew dispożizzjonijiet marbuta ma' diskussjonijiet pendenti f'korpi preparatorji oħra tal-Kunsill dwar proposti leġiżlattivi oħra. Dawn l-elementi ġew immarkati fit-test b'parentesi kwadri. Dawn l-elementi tħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni tan-negozjati f'dak l-istadju, peress li l-ewwel kien meħtieġ aktar progress fil-livell orizzontali, inkluż gwida politika tal-Kunsill Ewropew dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-perijodu 2021-2027, biex il-Kunsill ikun jista' jstabbilixxi l-pożizzjoni tiegħu dwar dawn il-partijiet.

¹ Dok. 9890/18 + ADD 1.

² Dok. 13680/18.

³ Dok. 15555/18.

⁴ Dok. 14257/1/18 REV 1.

4. Fil-Parlament Ewropew, ir-rapport dwar il-proposta tal-Kummissjoni ġie vvutat fil-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) fit-22 ta' Jannar 2019 u ġie kkonfermat fil-Plenarja fit-12 ta' Frar 2019. F'dak iż-żmien, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁵. Il-Parlament Ewropew għadda l-fajl lil-leġiżlatura li jmiss. Fit-8 ta' Ottubru 2019 il-Kumitat IMCO adotta formalment il-mandat biex jinbdeu negozjati interistituzzjonali dwar il-proposta.
5. Fit-23 ta' Ottubru 2019 u t-18 ta' Novembru 2019 saru trilogi bil-għan li jintlaħaq fehim komuni dwar il-partijiet mhux fil-parentesi tal-proposta. Il-Presidenza pparteċipat f'dawn it-trilogi bl-approċċ ġenerali parzjali adottat f'Novembru 2018 bħala l-mandat tagħha.
6. Fit-3 ta' Diċembru 2019, il-Parlament Ewropew informa lill-Kunsill dwar id-deċizzjoni tiegħu li jiffriża provviżorjament in-negozjati fil-livell politiku. In-negozjati reġgħu bdew fit-tieni semestru tal-2020, bit-tielet trilogu jsir fit-28 ta' Ottubru 2020.
7. Fit-18 ta' Novembru 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ta mandat rivedut lill-Presidenza bħala bażi għan-negozjati fir-raba' trilogu fil-25 ta' Novembru 2020 u l-ħames trilogu fit-8 ta' Diċembru 2020.
8. Intlaħaq qbil provviżorju dwar test ta' kompromess bejn koleġiżlaturi fit-trilogu tat-8 ta' Diċembru 2020. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2020, ikkonferma dan it-test ta' kompromess finali bil-ħsieb ta' qbil⁶.

⁵ Dok. 6212/19.

⁶ Dok. 14258/20.

9. Fil-11 ta' Jannar 2021, il-Kumitat IMCO tal-Parlament Ewropew approva t-test ta' kompromess finali. Sussegwentement, fil-15 ta' Jannar 2021 il-President tal-Kumitat IMCO bagħtet ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn indikat li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment lill-Parlament Ewropew il-pożizzjoni tiegħu kif maqbula matul it-trilogi, hija tirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi, soġġetta għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament.

II. OBJETTIV

10. Huwa propost li l-Programm jiġi stabbilit għall-perijodu tal-QFP 2021-2027. Huwa parti mill-proposti settorjali li jikkomplementaw il-pakkett ta' proposti orizzontali dwar il-QFP għal dak il-perijodu.
11. L-objettiv tal-Programm huwa li jsaħħa il-governanza tas-suq intern u li jippermetti liċ-ċittadini, lill-konsumaturi, lin-negozji u lill-awtoritajiet pubbliċi biex jieħdu vantaġġ sħiħ mill-integrazzjoni u l-ftuħ tas-suq billi jinfurzaw id-dritt tal-Unjoni, jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq, jistabbilixxu standards u jipromwovu s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u t-trattament xieraq tal-annimali, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli u jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, biex jappoġġaw il-kompetittività tal-intrapriżi, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u biex jistabbilixxu qafas għall-programmazzjoni u l-finanzjament tal-istatistika Ewropea.
12. Il-Programm jiġbor flimkien l-attivitajiet iffinanzjati matul il-perijodu preċedenti tal-QFP taħt is-sitt programmi preċedenti (programm Ewropew tal-istatistika; COSME; Programm tal-konsumaturi; Programm li jappoġġa attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rapportar finanzjarju u l-awditu; Regolament relatat mal-katina alimentari, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali u dwar is-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti; Regolament li jappoġġa l-involviment tal-konsumaturi u utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji), u jinkludi wkoll xi inizjattivi ġodda.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Osservazzjonijiet ġenerali

13. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew wettqu negozjati bil-ġhan li jikkonkludu qbil bikri fit-tieni qari abbażi ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li l-Parlament Ewropew seta' japprova bħala tali. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn il-koleġżlaturi.

B. Osservazzjonijiet speċifiċi

14. Matul in-negozjati f'Novembru u Diċembru 2020, il-koleġżlaturi rnexxielhom jilħqu kompromess dwar il-kwistjonijiet pendenti li ġejjin:

- **Tul ta' żmien tal-Programm:** Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew qablu li l-Programm huwa stabbilit għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 u li t-tul ta' żmien tal-Programm huwa allinjat mat-tul ta' żmien tal-QFP.
- **Assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm:** Il-koleġżlaturi qablu li l-kostijiet totali tal-appoġġ amministrattiv u tekniku ma għandhomx jaqbu 5 % tal-valur tal-pakkett finanzjarju globali disponibbli għall-implimentazzjoni tal-Programm.
- **Benefiċjarji deżinjati li jirrappreżentaw l-interess tal-konsumaturi fil-livell tal-Unjoni:** Ġie maqbul li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati fir-rigward tar-rappreżentanza tal-interess tal-konsumaturi fil-livell tal-Unjoni biex temenda l-lista ta' entitajiet li jistgħu jingħataw għotja taħt il-Programm mingħajr sejħa għal proposti.

- **Laboratorji nazzjonali ta' referenza bħala benefiċjarji magħżula, u l-akkreditazzjoni tagħhom:** Intlaħaq ftehim dwar il-possibbiltà li l-laboratorji nazzjonali ta' referenza għas-saħħa tal-pjanti u l-laboratorji ta' referenza nazzjonali tas-saħħa tal-annimali jibbenefikaw bħala benefiċjarji magħżula minn għotjiet mogħtija taħt il-Programm jekk l-azzjonijiet minn dawk il-laboratorji nazzjonali li huma appoġġati mill-Programm jirrappreżentaw valur miżjud tal-Unjoni, u jekk ikun hemm biżżejjed finanzjament disponibbli taħt il-Programm biex jiġu appoġġati dawn l-azzjonijiet. Kundizzjonijiet komparabbli huma previsti għad-determinazzjoni tal-benefiċjarji maħtura u għall-akkreditazzjoni tagħhom.
- **Regoli ta' kofinanzjament fil-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf:** Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew qablu dwar rata fissa ta' kofinanzjament ta' 50 %, li tiżdied eċċezzjonalment għal 75 % u 100 % taħt ċerti kundizzjonijiet. Ser ikun possibbli li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabilixxi rata ta' kofinanzjament aktar baxxa fejn dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' disponibbiltà baġitarja, implimentazzjoni insuffiċjenti tal-Programm jew tal-miżura ta' emerġenza, jew l-eliminazzjoni gradwali tal-kofinanzjament ta' azzjonijiet kontra mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti.
- **Atti delegati, atti ta' implimentazzjoni u kumitati:** Il-koleġiżlaturi qablu li l-programmi ta' ħidma jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni maħsuba biex idaħħlu fis-seħħ ir-regoli diġà stabbiliti fl-att bażiku u f'konformità mal-leġislazzjoni settorjali relatata fejn applikabbli. L-azzjonijiet stabbiliti fl-Anness II għandhom jiġu implimentati skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea. Fir-rigward tal-atti delegati, ġie maqbul li l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati għal perijodu ta' seba' snin, u li din għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' tul ta' żmien identiku sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni.
- **Retroattività:** Ġie maqbul li r-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u li għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

IV. KONKLUŻJONI

15. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm għas-suq intern, il-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-animali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn ir-rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew, iffaċilitati mill-Kummissjoni. Dan il-kompromess huwa kkonfermat bl-ittra li l-President tal-Kumitat IMCO indirizzat lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-15 ta' Jannar 2021.
-